MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Talba Numru. 231/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Marica Bone**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm277.80c (mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin u tmenin centezmu) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma’ mobile phone bin-numru: 99407751.

Il-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fil-Avviz tat-Talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------